

Brussell, 9 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13763/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0409(COD)**

**CODEC 1859
JAI 1085
SIRIS 151
SCHENGEN 60
FRONT 377
ENFOPOL 530
COPEN 371
MIGR 173
COMIX 602**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-23 ta' Diċembru 2016 il-Kummissjoni bagħtet il-proposta ta' hawn fuq¹²³⁴, ibbażata fuq l-Artikoli 82(1) it-tieni subparagrafu punt (d), l-Artikolu 85(1), l-Artikoli 87(2)(a) u 88(2)(a) TFUE, lill-Kunsill.

¹ 15814/16.

² Ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-UE anness mat-TUE u mat-TFUE u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE.

³ L-Irlanda qed tieħu sehem f'dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 anness mat-TEU u mat-TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE.

⁴ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

2. Fl-24 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.
3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 36/18, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ 13325/18.